DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL UE) 2019/1696

tal-4 ta' Ottubru 2019

li taħtar membru u ħames membri supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Filwaqt li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Spanjol,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Jannar 2015, fil-5 ta' Frar 2015 u fit-23 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet (UE) 2015/116 ([1]), (UE) 2015/190 ([2]) u (UE) 2015/994 ([3]) li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020. Fil-5 ta' Ottubru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1792 ([4]) (4), is-Sinjura Teresa GIMÉNEZ DELGADO DE TORRES ġiet sostitwita mis-Sur Cruz FERNÁNDEZ MARISCAL bħala membru supplenti. Fid-9 ta' Ottubru 2015, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1915 ([5]), is-Sur Esteban MAS PORTELL ġie sostitwit mis-Sur Marc PONS i PONS bħala membru supplenti. Fl-14 ta' Marzu 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/409 ([6]) Is-Sur Roberto Pablo BERMÚDEZ DE CASTRO Y MUR ġie sostitwit mis-Sur Vicente GUILLÉN IZQUIERDO bħala membru supplenti. Fid-9 ta' Ġunju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/991 ([7]), is-Sur Marc PONS i PONS ġie sostitwit mis-Sinjura Pilar COSTA i SERRA bħala membru supplenti. Fit-18 ta' Lulju 2016, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203 ([8]), is-Sur Roger ALBINYANA i SAIGÍ ġie sostitwit mis-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO bħala membru supplenti. Fil-21 ta' Marzu 2017, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/551 ([9]), is-Sur Cruz FERNÁNDEZ MARISCAL ġie sostitwit mis-Sinjura Virginia MARCO CÁRCEL bħala membru supplenti. Fit-22 ta' Mejju 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/770 ([10]), is-Sinjura Pilar COSTA i SERRA ġiet sostitwita mis-Sur Josep Enric CLAVEROL i FLORIT bħala membru supplenti. Fit-8 ta' Ottubru 2018, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1502 ([11]) (5), is-Sur Amadeu ALTAFAJ i TARDIO ġie sostitwit mis-Sinjura Natàlia MAS GUIX bħala membru supplenti. Fit-13 ta' Mejju 2019, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/809 ([12]), is-Sinjura Natàlia MAS GUIX ġiet sostitwita mis-Sinjura Mireia BORRELL PORTA bħala membru supplenti.

(2) Konsegwentement għal tmiem il-mandat tas-Sur Javier FERNÁNDEZ FERNÁNDEZ, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-Kumitat tar-Reġjuni,

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandati tas-Guillermo MARTÍNEZ SUÁREZ, tas-Sur Vicente GUILLÉN IZQUIERDO u tas-Sur Josep Enric CLAVEROL i FLORIT saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għal tmiem il-mandati, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni u abbażi ta' dan ġew proposti s-Sinjura Mireia BORRELL PORTA (*Directora General de Relaciones Exteriores, Generalitat de Catalunya*) u s-Sinjura Virginia MARCO CÁRCEL (*Directora General de Relaciones Institucionales y Asuntos Europeos de la Vicepresidencia de la Junta de Comunidades de Castilla-La Mancha*),

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/116 tas-26 ta' Jannar 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 20, 27.1.2015, p. 42).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/190 tal-5 ta' Frar 2015 li taħtar il-membri u membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 31, 7.2.2015, p. 25).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/994 tat-23 ta' Ġunju 2015 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2015 sal-25 ta' Jannar 2020 (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 70).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1792 tal-5 ta' Ottubru 2015 li taħtar ħames membri Spanjoli u ħames membri supplenti Spanjoli fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 260, 7.10.2015, p. 28).

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1915 tad-9 ta' Ottubru 2015 li taħtar żewġ membri Spanjoli u tliet membri supplenti Spanjoli fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 280, 24.10.2015, p. 26).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/409 tal-14 ta' Marzu 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 74, 19.3.2016, p. 38).

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/991 tad-9 ta' Ġunju 2016 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 162, 21.6.2016, p. 14).

([8]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1203 tat-18 ta' Lulju 2016 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 198, 23.7.2016, p. 44).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/551 tal-21 ta' Marzu 2017 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 79, 24.3.2017, p. 7).

([10]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/770 tat-22 ta' Mejju 2018 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 129, 25.5.2018, p. 81).

([11]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1502 tat-8 ta' Ottubru 2018 li taħtar membru u membru supplenti, proposti mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 254, 10.10.2018, p. 7).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/809 tat-13 ta' Mejju 2019 li taħtar membru supplenti, propost mir-Renju ta' Spanja, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 10).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Huma b'dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2020:

(a) bħala membru:

— Is-Sur Adrián BARBÓN RODRÍGUEZ, *Presidente del Principado de Asturias*,

(b) bħala membri supplenti:

— Is-Sinjura Ana CÁRCABA GARCÍA, *Consejera de Hacienda del Principado de Asturias*,

— Is-Sinjura María Teresa PÉREZ ESTEBAN, *Consejera de Presidencia y Relaciones Institucionales del Gobierno de Aragón*,

— Is-Sur Antonio VICENS VICENS, *Director General de Relaciones Exteriores del Gobierno de las Islas Baleares*,

— Is-Sinjura Mireia BORRELL PORTA, *Secretaria de Acción Exterior y de la Unión Europea de la Generalidad de Cataluña* (bidla tal-mandat),

— Is-Sinjura Virginia MARCO CÁRCEL, *Directora General de Asuntos Europeos de la Junta de Comunidades de Castilla-La Mancha* (bidla tal-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-4 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kunsill
Il-President
K. MIKKONEN